# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 16 ta'Marzu 2016**

Rikors Guramentat Nru.  22 / 15RGM

Kawza fil-lista:  22

**D F**
**vs**
**B Y u L F u Direttur tar-Registru Pubbliku u**
**l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**li permezz ta' digriet datat 5 ta' Marzu 2015**
**gew appuntati kuraturi deputati**
**biex jirraprezentaw il-minuri E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Frar 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici zzewget lill-intimat L F fid-19 ta' Marzu 1994;

2. Illi l-attrici u L F sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2012;

3. Illi waqt iz-zwieg mal-konvenut, l-attrici kellha relazzjoni ma' B Y;

4. Illi l-attrici, fis-16 ta' Jannar 2004 kellha tifel li jismu E kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

5. Illi meta sar it-test tad-DNA irrizulta li L F ma huwiex il-missier bijologiku tat-tifel;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, il-konvenuta umilment titlob lill-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li B Y huwa missier it-tifel E;

2. Tordna illi isem il-konvenut L F u l-konnotati kollha tieghu jigu kkancellati minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri E u jigu kkancellati wkoll il-kliem “the said”.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut B Y li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament jigi eccepit illi l-kawza hija intempestiva stante l-fatt illi skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri u l-attrici ma talbitx l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'dina l-kawza u dan ai termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, jigi eccepit illi l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli peress illi stante illi l-attrici fit-talbiet taghha, naqset milli titlob lil dina 1-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur intimat jordna dawk il-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-tweIid tal-minuri, partikolarment fejn jidhlu dettalji tal-missier fost l-ohrajn;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara illi sa fejn jaf hu, huwa minnu li l-minuri E huwa ibnu, u r-ragunijiet il-ghala l-imsemmi ma giex registrat fuq ismu huma attribwibbli unikament lill-attrici, li ghaldaqstant ghandha tbati l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri E F, din 1-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tal-minuri E F, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

2. L-esponent umilment jirrileva illi ga la darba l-minuri E F twieled fiz-zwieg u allura hemm il-prezunzjoni mahluqa bil-ligi senjatament mill-Artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorenti ghandha fit-talbiet taghha lil din l-Onorabbli Qorti, titlob ukoll li l-intimat L F jigi ddikjarat li mhuwiex il-rnissier naturali tal-istess minuri;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri E F, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kifprovdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel E F, hija kellha relazzjoni extramaritali ma' l-intimat B Y, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tar-rikorrenti, L F, bhala l-missier naturali ta' l-imsemmi E F, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri E F ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 250 tas-sena 2004;

6. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat B Y sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, perrnezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) in-numru tal-karta tal-identita, (2) l-eta tieghu meta twieled il-minuri E F, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel E F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E F bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 250 tas-sena 2004;

7. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri E F a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi qieghdha tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta’ Mejju 2015 il-Qorti giet informata illi fil-mori tal-kawza kien intlahaq ftehim bejn l-attrici u l-konvenut B Y sabiex jinkarigaw privatament li jsir it-test tad-DNA fuqhom u fuq il-minuri.

Rat ir-rapport tad-DNA ippreparat minn Dr Marisa Cassar datat 18 ta’ Mejju 2015 fejn gie certifikat li l-konvenut B Y huwa l-missier bijologiku tal-minuri E F.

Rat li fit-2 ta’ Settembru 2015 Dr Marisa Cassar ikkonfermat bil-gurament taghha ir-rapport tad-DNA kif ukoll pprezentat ritratt tal-minuri li minn fuqu pprelevat il-kampjun ghall-finijiet tat-test.

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-2 ta’ Ottubru 2015 li permezz tieghu talbet, b’rispett lejn ix-xewqa tal-minuri, li wara li ssir l-annotazzjoni fl-att tat-twelid tieghu xorta jibqa’ jzomm il-kunjom F.

Rat illi fid-9 ta’ Gunju 2015 l-attrici pprezentat rikors generali fejn talbet l-awtorizzazzjoni a procedere in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Y kif ukoll in vista tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur, Registru Pubbliku. Dan ir-rikors gie dekretat favorevolment fil-15 ta’ Gunju 2015.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attrici resqet bhala xhud lil Dr Marisa Cassar li permezz ta’ affidavit minnha mahluf fit-2 ta’ Settembru 2015 iddikjarat illi fit-13 ta’ Mejju 2015 hi personalment elevat kampjuni minn fuq D F, E F u B Y. Mit-testijiet tad-DNA li hija kkonduciet jirrizulta illi B Y hu l-missier naturali tal-minuri E F.

Ikkunsidrat,

**Konsiderazzjonijiet**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

L-eccezzjoni tal-intempestivita' giet sorvolata bl-awtorizzazzjoni ottenuta wara r-rikors generali li intavolat l-attrici fil-mori tal-kawza. Fir-rigward tal-eccezzjoni referibbli ghall-pussess tal-istat tal-minuri, ghalkemm il-provi huma skarsi ghall-ahhar jidher li l-minuri huwa konxju li l-konvenut F ma hux missieru

Dwar il-kunjom tal-minuri **Artikolu 73 tal-Kap. 16** jipprovdi illi meta kawża sabiex jiġi miċħud tifel tigi ntavolata wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Y u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici.:

1. Tiddikjara illi l-konvenut L F ma hux il-missier naturali tal-minuri E F.

2. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri E F huwa l-konvenut B Y.

3. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E F jigu kancellati isem u kunjom L F, il-konnotati kollha tieghu u l-kliema 'the said', u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom ta' B Y u l-konnotati kollha tieghu.

4. Bis-sahha tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri E jitnizzel li jkun maghruf bil-kunjom "F".

5. Tordna lill-konvenut B Y sabiex zmien gimgha millum jipprezenta fl-atti ta' din il-kawza b'notifika lid-Direttur, Registru Pubbliku, nota guramentata bid-dettalji kollha indikati fis-sitt paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur, Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut B Y.

**Imhallef** **Deputat Registratur**